II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/324

**tal-5 ta' Marzu 2018**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Fil-15 ta' Frar 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNSC") stabbilit taħt l-UNSCR 1718 (2006) emenda l-elenkar ta' individwu soġġett għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. DIMOV

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

*ANNESS*

Fl-Anness XIII għar-Regolament 2017/1509, l-entrata 52 taħt l-intestatura “(a) Persuni fiżiċi” tinbidel b’dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| “52. | Ri Su Yong | | Data tat-twelid: 25.6.1968<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Numru tal-passaport: 654310175<br>Indirizz: mhux applikabbli<br>Sess: raġel<br>Kien rappreżentant tal-Korea Ryonbong General Corporation f'Kuba | 2.6.2017 | Uffiċjal għall-Korea Ryonbong General Corporation, jispeċjalizza fl-akkwisti għall-industriji tad-difiża tar-RDPK u fl-appoġġ għall-bejgħ marbut mal-militar ta’ Pyongyang. L-akkwisti tagħha wkoll x’aktarx li jappoġġaw il-programm tal-armi kimiċi tar-RDPK.” |